KUNSILL LOKALI VALLETTA

VALLETTA
*Città Umilissima*

VALLETTA LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Is-Sebgħa Kunsill - SEDUTA Nru. 25**

It-Tlieta 10 ta' Marzu, 2015, fis-7.30pm

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar,

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli ppresida.

**PREZENTI**

Kienu prezenti Prof Alexiei Dingli, Dr Normal Shaw, Christian Darren Micallef, Il-Kunsillier, Raymond Azzopardi, Vincent Farrugia Lauri u Vincent Fabri. L-Kunsillier Raymond Attard kien skużat. L-Ambaxxatur Jake Scerri kien assenti. L-Ex -Ambaxxatur Jurgen Briffa kien preżenti.

**TALBA**

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru 24 li saret nhar It- It-Tlieta 3 ta' Frar, 2015, fis-6.30pm kienu ikkonfermati.

Is-Sindku Prof Alexiei Dingli ssospenda l-laqgħa biex jitkellem Julian Muscat l-kuntrattur li jieħu ħsieb il-public conveniences. Nforma li wara li kellu ma Ramon Deguara Direttur tal-Public Cleansing u Prof Alexiei Dingli Sindku hu ġie nfurmat li kellu jibda jħallas l-kontijiet tad-dawl u l-ilma kif ukoll l-kerha tal-postijiet. Dan fisser li kellu jgħolli d-donazzjoni li kienet qed tingħata biex jkopri l-ispejjes. L-prezz il-ġdid ser ikun dak ta' 70 ewro ċenteżmu u ser jibda mil-ewwel ta' Frar 2015.

Tkellem ukoll John min Noise Abate dwar il-problema ta' l-istorbju fejn hemm bars. Primarjament Pjazza Teatru Rjal u Strada Stretta.

## 1. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

1.1 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li wara li saret l-applikazzjoni għal progetti Kapitali l-Kunsill ingħata l-ammont ta' 30,000 ewro biex jinbeda dan il-proġett. L-Kunsill qabel li l-evaluations ser isiru minn Raymond Pellicano li ser jiprezenta rapport lil Kunsill ta' l-applikazzjonijiet li ġew sottomessi fl-Expression of Interest li nħarġet.

1.2 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li parti min dan il-proġett ser ikun ukoll trasport b'vetturi eletriċi mit-Tunnel tal-Kunsill biex isiru deliveries minnu. Dan ser ikun finanzjat min progett tal-ewropa li qed naħdmu biex nissottomettu.

## 2. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

2.1 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli propona li għal din is-sena l-premju Ġieħ il-Belt Valletta għandu jingħata lil Arċisqof Emeritus Mons Pawl Cremona u l-Kunsill qabel dwar dan.

2.2 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli propona li rikonozzimenti ta' din is-sena ser jingħataw lil:

2.2.1 Amber Bondin – Kantanta Beltija li rebħet il-Eurovision
2.2.2 Joe Tonna – Azzjoni Kattolika
2.2.3 Mario Tonna – Knisja Santa Lucija
2.2.4 Simone Mizzi – Din l-Art Ħelwa
2.2.5 Aħwa Gilgio – Għalliema tad-duttrina
2.2.6 Mons Galea – Knisja tal-Vitorja
2.2.7 Mons Philip Calleja - Knisja tal-Giżwiti

Il-Kunsill Kollu qabel dwar dan.

2.3 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li ser issir lecture dwar l-pittura li ġiet mogħtija lil Kunsill bħala rigal is-sena l-oħra. Din ser issir il-quddiem u ser issir min Dr Sandro Debono kuratur tal-Mużew ta' l-arti.

2.4 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma għandha tinkiteb ittra lil Ministru biex il-berga tal-Belt tigi mgħoddija lil Kunsill Lokali.

2.5 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li rega tkellem mal-Kumpanija Mc Donald biex jerga jghaddu proposta lil Kunsill dwar bins dan ghaliex ma kien sodisfatt bil-proposta li taw lil Kunsill.

2.6 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma dwar ir-tow zones fil-Belt Valletta. Dan biex isir towing ta karozzi li ma jkunux tar-residenti. Il-Kunsill qed jistenna risposta minn Transport Malta.

2.7 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li qed jistenna laqgħa mal-Arċisqof biex jiddiskuti ċerti materji mportanti.

2.8 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li ser jattendi laqgħa tas-Sindki ewropej ġewwa Vienna.

3. **KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI**

3.1 Il-Viċi Sindku Christian Micallef nforma dwar l-Attivita' Sportivi Beltin. Saret l-ewwel laqgħa fejn kienu preżenti s-Segretarju Eżekuttiv Gabriella Agius kif ukoll Town Centre Manager Matthew Carbonaro. Is-Sur Raymond Azzopardi ma setax jattendi minħabba raġunijiet ta' xogħol.

3.2 Il-Viċi Sindku Christian Micallef nforma ukoll li ser issir l-bid biex fl-2019 jkollna l- European Capital for Sports. Nforma li saret laqgħa ma' l-Onorevoli Stefan Buontempo kif ukoll ma' l-Onorevoli Chris Agius biex jiġi diskuss kif bħala Ministeri jistgħu jagħtu l-għajnuna tagħhom.

3.3 Il-Viċi Sindku Christian Micallef nforma li l 133 mhux qed tgħaddi minn xi toroq fil-Belt u kien ser ikellem lil Konrad Pule dwar dan.

3.4 L-Kunsillier Vincent Farrugia preżenta mozzjoni li giet is-Sekondata mill-Viċi Sindku Christian Micallef dwar kif għandhom jingħataw permessi speċjalment dawk li jiġu mill-Kultura.

3.5 L-Kunsillier Vincent Farrugia preżenta l-kunratt ta' Intercultural Cities. Informa lil kunsill dwar il-proġett li se jkun qed jieħu sehem fih.

3.6 L-Kunsillier Vincent Farrugia preżenta rapport tas-safra ġewwa Ċipru u nforma dwar il-progett u x'se jsir.

3.7 Il-Minority Leader Dr Norman Shaw nforma li għandha ssir laqgħa ma' l-Isqof biex jiġi diskuss il-possibilita' li l-King's Own Band tibda tieħu sehem fil-Gimgħa l-Kbira.

3.8 Il-Kunsillier Vincent Fabri ssuġġerixxa biex fil-ġurnata tad-duluri jsir auxflambeaux Strada Merkanti kif ukoll tiered seating fi strada merkanti bejn l-Ministeri tal- Affarijiet Barranin u tat-Turizmu.

4. **KOMMUNIKAZZJONI TA' L-AMBAXXATUR**

**NIL**

5. **KORRISPONDENZA**

5.1 Korrispondenza minn għand l-Embassy biex issir platform ghal imwejjed u siggijiet tal-cafetteria. Il-Kunsill qabel dwar dan

5.2 Korrispondenza minn għand Elisabeth Aquilina dwar change of use ta' ħanut fit-taraġ ta' Triq it-Teatru. Biex il-kunsill jagħmel l-oggezzjoni tiegħu.

5.3 Korrispondenza minn għand l-Arċikonfraternita tas-SS.mu Kurċifiss dwar il-pellegrinaġġ ta' l-Ecce Homo.

## 6. AMMINISTRAZZJONI

6.1 Town Centre Manager Matthew Carbonaro nforma dwar kif ser isir l-programm ta' Jum il-Belt. Dan ser isir nhar is-Sibt 28 ta' Marzu 2015, ġewwa l-Knisja ta' Santa Katerina D'Italja u wara t-tqegħid tal-Kuruni jsir riċeviment ġewwa l-Fortress Builders. Nforma wkoll li ser ikun hemm l-film ġewwa l-Valletta Living History kull nofs siegħa b'xejn għar–residenti. Fil-għaxija ser isir kunċert b'risq il-pupi foundation ġewwa Pjazza Teatru Rjal. Il-Kunsillieri kollha huma mħeġġa li jattendu għal attivitajiet kollha f'Jum il-Lokalita'.

6.2 Town Centre Manager Matthew Carbonaro nforma li flimkien mas-Segretarju Eżekkuttiv Gabriella Agius tiġi organizzata ħarga kulturali għall-anzjani.

6.3 Is-Segretarju Eżekkutiv nforma li saret l-evaluation report tal- railing ta' Peacock garden. Nforma li 2 tenderers kellhom dettalji nieqsin. L-Kunsill qabel li għandhom jiġu nfurmati biex jibgħatu dettalji nieqsin biex ikun jista jigi ffirmat l-kuntratt tal-kumpanija li kwotat l-irħas.

**TMIEM**

Fl-21.30hrs intemmet is-Seduta w giet aggornata għat-Tlieta 7 ta' April 2015 fit -18:30hrs.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku